**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Settembru, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 439/2021 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru 231/2021 fl-ismijiet:

**Corrieri Andrew**

**vs**

**Manti Salvatore bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mario Gennaro u Daniela Giovanna Manti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Salvatore Manti.

Rat ir-risposta ta' Andrew Corrieri.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi din hija proċedura ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 231/2021. Ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimat jiġi kkundannat iħallas il-penali ai termini tal-artikolu 836(8).

Ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tħassar l-att kawtelatorju skont is-sub inċiżi (d) u (f) tal-artikolu 836(1) u ċioè għaliex skont hu l-ammont ikkawtelat mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv u kif ukoll li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Il-Qorti ttenni fil-kuntest illi kull stħarriġ li tagħmel il-Qorti huwa limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. L-istudju profond tal-ġustifikazzjoni tal-pretensjoni jibqa' dejjem riżervat għall-kawża fil-mertu.

Il-Qorti tenfasizza illi f'dan l-istadju bikri tal-proceduri bejn il-partijiet, hija ma tistax leggerment ixxejjen id-dritt ta' allegat kreditur li jittenta jassigura l-kreditu tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi.

Dwar jekk l-ammont mitlub huwiex *prima facie* ġustifikat jew eċċessiv, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-

provvediment tagħha tal-20 ta’ Novembru 2001 fl-ismijiet **Sammut vs Sammut**:

> *“Mid-disposizzjoni tal-Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.”*

Hekk ukoll, fil-provvediment li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta’ Lulju 2005 fil-proċediment fl-ismijiet **Galea vs Steward**, ingħad li:

> *“Il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta’ Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t’ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta’ pretensjoni, (dak li f’oqsma ohra ta’ dritt jissejjah il-“fumus juris” tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex “jillikwida” tali pretensjoni f’somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m’ghandu qatt jinsa f’dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m’ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b’leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sa kemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f’att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t’ghajn bhala wiehed maghmul b’mod azzardat.”*

Il-Qorti tgħaddi biex tħassar mandat fuq dan il-kap biss jekk jeżisti nuqqas ta’ qbil esagerat bejn l-ammont kawtelat u l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-ħruġ tal-mandat. Ir-rikorrent fil-każ tal-lum jargumenta li fil-kawża proprja pendenti bejn il-partijiet, li qed tinstema’ minn din il-Qorti kif presjeduta, l-intimat sekwestrant Andrew Corrieri ma speċifikax x’inhu l-aġir

frivolu u vessatorju li fuqu qed jibbaża t-talba tiegħu għad-danni u konsegwentement, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju għall-ammont ta' €80,000. Ir-rikorrent jilmenta li s-sekwestrant ma ppreżenta l-ebda prospett jew stima tad-danni li qed jallega.

Fil-fehma tal-Qorti, din hija kwistjoni li trid tiġi trattata fil-kawża proprja. Ma jistax jingħad mad-daqqa t'għajn illi l-ammont kawtelat mhuwiex ġustifikat jew huwa esaġerat. L-intimat sekwestrant qiegħed jibbaża l-pretensjonjiet tiegħu fuq ħsarat allegatament ikkawżati lilu minħabba l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ottjena r-rikorrent tal-lum kontrih. Huwa indubitat li mandat ta' sekwestru jista' jikkawża l-ħsara lis-sekwestrat. Jekk ir-rikorrent tal-lum kienx ġustifikat jew le li jitlob il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kontra l-intimat hija kwistjoni li għad trid tiġi deċiża fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Altrimenti, il-Qorti tkun qiegħda, permezz tad-deċiżjoni tal-lum, effettivament tiddeċiedi dik il-kawża.

Għalhekk, il-Qorti tqis li abbażi ta' din il-kawżali, ir-rikorrent m'għandux raġun.

Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet **Spiteri vs Darmanin** tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:

> *"Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh (Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*
>
> *Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz."*

Fil-provvediment li ngħata fl-4 ta' Frar 2016 fl-atti tal-mandat fl-ismijiet **Steven Pace et vs Paul Camilleri et**, ingħad illi:

> *"Biex tali talba tirrizulta attwabbli tinhtieg li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo."*

Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet **Jamar Malta Limited vs Office Group Limited,** saru dawn ir-rilievi:

> *"Is-success jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona" ; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et")."*

Fl-isfond ta' dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.

Fil-każ tal-lum, fuq l-iskorta tal-fatti u taċ-ċirkostanzi li nġibu a konjizzjoni tagħha, din il-Qorti tqis illi ma tirriżulta l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi li dwarhom ħareġ il-mandat li tista' twassalha biex tifhem illi l-istess mandat m'huwiex aktar raġonevoli jew ġustifikat li jibqa' fis-seħħ skont is-subartikolu (1)(f) tal-

artikolu 836. Konsegwentement lanqas ma hija gustifikata it-talba ghall-imposizzjoni tal-penali.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF